MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2006

Numru. 410/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**NEIL ZAMMIT bin Anton u Mary Rose nee' Sultana, imwieled fit-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 1988 u residenti Il-Horza, Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 6189G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **NEIL ZAMMIT** bin Anton u Mary Rose nee' Sultana, imwieled fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru 1988 u residenti Il-Horza, Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 6189G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-

ghaxra ta’ Gunju 2006 ghal habta ta’ l-ghaxra ta’ filghaxija fl-Ghasri fl-inhawi ta’ Wied Sara, Ghawdex:-

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAB-817 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta;

2. Ghalhekk jigi li ma kienx kopert b’polza t’assigurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1)(a), 18(4) tal-Kap 65, l-artikolu 3(1)(2) tal-Kap 104 u l-artikolu 37tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lil imputat NEIL ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah, stante li kien ghadu minuri fil-mument li kkommetta dan r-reat, ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ hamsin [50] lira maltin.**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------